MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tas-16 ta' April, 2012

Rikors Numru. 73/2012

**A B**
**vs.**

**C D**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li permezz tieghu ir-rikorrenti ippremettiet:

Illi l-partijiet izzewwgu nhar it-3 ta' Jannar 1976, minn liema zwieg twiedlu zewg ulied, E u F, illum it-tnejn maggorenni.

Illi l-partiiet isseparaw permezz ta' sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili tal-10 ta' Lulju 1991, kif varjata permezz ta' sentenza tal-Qorti tal-Appell tat-18 ta' Gunju 1993, kopji legali ta' liema sentenzi jinsabu hawn annessi u mmarkati Dok. A u Dok. B rispettivament.

Illi l-ebda ammont ta’ manteniment ma huwa dovut fil-konfront tal-ulied peress li llum huma maggorenni, u lanqas fil-konfront tal-kontendenti li t-tnejn regghu stabbilew hajjithom separatament minn xulxin minghajr ebda forma ta’ dipendenza lejn jew kuntatt bejn xulxin.

Illi l-partijiet ilhom jghixu hekk ghal dawn l-ahhar ghoxrin sena u m’hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom.

Illi ghalhekk il-partijiet jissodisfaw il-kriterji mposti mill-Artikolu 66B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta sabiex iz-zwieg taghhom jigi xolt.

Talbet li l-intimat ighid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex :

1. Tornda illi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet nhar it-3 ta’ Jannar 1976 jigi mahlul;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex, fi zmien iffissat minn din l-Onorabbli Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet sabiex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat id-digriet taghha tal-5 ta’ Marzu, 2012;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Semghet lill-partijiet jixhdu;

Rat l-Artikolu 66 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat illi ir-rekwiziti mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul gew sodisfatti u dana peress illi gie ippruvat illi l-partijiet ilhom separati permezz ta’ sentenza tal-Qorti tal-Appell tat-18 ta’ Gunju, 1993;

Illi l-Qorti rat illi gie ippruvat illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi gie

ippruvat illi ma hemmx manteniment dovut fil-konfront ta' ulied il-partijiet illi huma illum il-gurnata maggorenni u rat illi ma hemm l-ebda manteniment dovut lil hadd mill-partijiet;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez ikunu bla taxxa bejn il-partijiet;

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------